# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawża Numru: 3**
**Rik. Ġur. 1100/2015 RGM**

**Marika Fsadni (I.D. 103465(M)**

**vs.**

**Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili u b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2019 isem il-Ministru konvenut ġie sostitwit bl-isem Ministru għall-Affarijiet Ewropew u Ugwaljanza,**
**Segretarju Permanenti Joseph Camilleri,**
**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Tal-Kuntratti,**
**Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Marika Fsadni** ppreżentat fl-20 ta' Novembru, 2015 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet s-segwenti:

"1. ILLI fis-17 t'April 2015 Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijeit tal-Konsumatur u Libertajiet Civili hareg Sejha ghal kwotazzjonijiet ghal biex isir "telephone survey entitled 'Perceptions about third country nationals and immigration in Malta' ", ghall-liema sejha intefghu tmin applikazzjonijiet fosthom dik tal-mittenti.

2. ILLI ghall-iskopijiet ta' evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet mitfugha twaqqaf Evaluation Committee kompost mill-intimati Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal, li flimkien huma rrakkomandaw li ghalkemm l-offerta tal-mittenti kienet l-irhas wahda, l-applikazzjoni taghha kellha tigi eliminata ghaliex skond huma hija ma gabitx evidenza li ghandha kwalifiki f'ricerka socjali, meta dan ma kienx korrett.

3. ILLI kieku l-evalwazzjoni saret in buona fede, l-intimati kellhom kull opportunita jikkjarifikaw il-kwistjoni tal-kwalifiki qabel ma hadu d-decizjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, u ghalhekk huwa car li d-decizjoni mehuda ghall-eliminazzjoni tal-applikazzjoni tal-attrici saret b'culpa u/jew dolo, u ma saritx in bona fede.

4. ILLI l-attrici talbet rimedju ghal dan minn ghand id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti skond il-ligi, pero` l-istess Direttur Generali hasel idejh mill-kwistjoni, bi ksur tal-obbligi tieghu skond il-ligi.

5. ILLI b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet tal-intimati, l-attrici baqghet bla ebda rimedju, b'dan li x-xoghol li ghalih saret l-offerta ingustament ma inghatax lilha imma inghata lil haddiehor, liema azzjoni kkawzatilha danni pekunjarji u morali.

6. ILLI l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment, u fic-cirkostanzi kellha ssir din il-kawza.

**Talbiet**

Premess li kif fuq premess, l-intimati naqsu fil-qaghdi ta' dmirijiethom, naqsu li jagixxu in bona fede, u ghamlu atti ta' kommissjoni jew omissjoni b'kulpa u/jew dolo;

Premess li tali agir tal-intimati kkawza danni lill-attrici;

Ghaldaqstant Marika Fsadni umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom naqsu fil-qaghdi ta' dmirijiethom, naqsu li jagixxu in bona fede, u ghamlu atti ta' kommissjoni jew omissjoni b'kulpa u/jew dolo;

(2) Tiddikjara li bl-agir taghhom l-intimati kkawzaw danni lill-attrici; u

(3) Tillikwida d-danni kkawzati lill-attrici u tordna lill-intimati jhallsu lill-attrici tali danni hekk likwidati b'mod solidali bejniethom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta' Awwissu 2015, kontra l-istess intimata, u bl-interessi skond il-ligi mid-data ta' din l-ittra ufficjali kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet Tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, Tas-Segretarju Permanenti Joseph Camilleri, tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, ta’ Brian Farrugia, ta’ Silvan Agius, ta’ Ruth Baldacchino u ta’ Stephen Monreal** ippreżentata fit-18 ta’ Jannar, 2016 fejn jingħad kif ġej:

1. "Illi preliminarjament ġaladarba l-valur tal-kuntratt li ppretendiet li tikseb ir-rikorrenti kien limitat għall-baġit massimu ta’ €6,000+VAT u l-kwotazzjoni sottomessa minnha stess kienet ta’ valur ta’ €3950+VAT, allura huwa sintomatiku li r-rikorrenti ma tistax titlob li tikseb somom li

jaqbżu dawn l-ammonti. Għalhekk billi l-valur tal-kawża huwa taħt il-€11,646.87, dan ifisser li l-kontestazzjoni tallum ma setgħetx titressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti iżda kellha ssir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif jitlob u jrid l-**artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, peress li din is-sejħa ħarġet u ġiet ipproċessata mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili (**Dok A**), id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment ġew imħarrka bla bżonn. Tassew ladarba l-valur tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet li qed tiġi kkontestata mir-rikorrenti kienet taħt il-€120,000, allura skont ir-**regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** u kif wara kollox ġie sostnut minn ġurisprudenza kopjuża (ara *inter alia* s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi ***Support Services Limited vs. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et*** tat-30 ta' Mejju 2014 u ***Domain Academy Ltd vs. Direttur tal-Kuntratti et*** tal-25 ta' Settembru 2015), l-amministrazzjoni tas-sejħa kienet taqa' f'idejn l-awtorità kontraenti, f'dan il-każ il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-intimati Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment għandhom jiġu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju, dan anke minħabba ta' dak li jgħid l-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi f'kull każ u dejjem mingħajr preġudizzju r-rikorrenti ma tista' tattribwixxi l-ebda *dolo* jew *culpa* lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment u lanqas ma tista' tikseb xi kumpens mingħandhom ġaladarba d-deċiżjoni tal-iskwalifika tal-kwotazzjoni ġiet mingħand il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili;

4. Illi taħt linja preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, ladarba r-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistħarreġ id-deċiżjoni tal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili li skwalifika l-kwotazzjoni tagħha, dan għandu jfisser li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv kif regolata bl-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux waħda sempliċement ta' kulpa akwiljana jew ta' danni normali;

5. Illi stabbilit li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv allura hija kellha skont l-**artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tressaq il-kawża tagħha fiż-żmien sitt xhur kif tgħid il-liġi. F'dan il-każ id-deċiżjoni tat-twarrib tal-kwotazzjoni tagħha hawn annessa u mmarkata '**Dok B**' ġiet ikkommunikata lilha fis-6 ta' Mejju 2015 u ppubblikata l-għada 7 ta' Mejju 2015, b'dan illi l-azzjoni tagħha quddiem din l-Onorabbli Qorti nbdiet fl-20 ta' Novembru 2015. Għalhekk peress li l-azzjoni tar-rikorrenti tressqet wara ż-żmien ta' sitt xhur li tgħid il-liġi, dan ifisser li r-rikorrenti tilfet id-dritt tagħha li tagħmel dawn il-proċeduri;

6. Illi fil-mertu u dejjem mingħajr ħsara għal dak li ntqal sa issa, it-talbiet rikorrenti xorta waħda mhumiex mistħoqqha minħabba li hija ma kellhiex il-kwalifiki neċessarji li kienu mitluba fid-dokument tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet. Dan inkwantu waħda mir-rekwiżiti għall-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet tas-sbatax (17) t'April 2015 maħruġa mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Drittijiet Ċivili biex isir *survey* telefoniku ntitolat "*Perceptions about third country nationals and immigration in Malta"* kienet li r-riċerkatur ewlieni għandu mill-anqas ikollu MQF f'livell sitta (6) f'suġġett relatat mar-riċerka soċjali, liema kriterju ma ġiex sodisfatt mir-rikorrenti;

7. Illi l-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili ma setax jaċċetta proposta li ma kinitx konformi mal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti mitluba għaliex inkella huwa kien jiġi li qed

jivvantaġġja lir-rikorrenti b'mod inġust u diskriminatorju meta mqabbel mal-operaturi ekonomiċi;

8. Illi l-fatt li r-rikorrenti kellha prezz [li] huwa baxx huwa irrilevanti jekk il-proposta magħmula ma kinitx tissodisfa l-kriterji u l-ħtiġijiet mitluba;

9. Illi r-rikorrenti ma setgħetx tippretendi li tintalab kjarfika tal-proposta tagħha għaliex kif inhuwa magħruf fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi, dak li għandu jgħid operatur ekonomiku għandu jgħidu mill-ewwel fil-proposta tiegħu. Jekk operatur prospettiv iħalli xi ħaġa barra jew ikun ambigwu fl-offerta tiegħu, huwa ma jistax jippretendi li jitħalla jsewwi l-offerta tiegħu wara li jinkixfu l-prezzijiet ta' kulħadd;

10. Illi safejn jolqot l-għemil tad-Direttur tal-Kuntratti tajjeb li jingħad li huwa ma kellux obbligu mnissel mil-liġi li jara jekk il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili mexiex sew fil-proċess tas-sejħa u dan għaliex kif ġa ngħad skont ir-**regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi** ir-responsabbilità ta' dan il-kuntratt kien f'idejn l-awtorità kontraenti. Minkejja dan malli d-Dipartiment tal-Kuntratti rċieva l-ilment mingħad ir-rikorrenti huwa vverifika mal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili biex jara jekk seħħietx xi irregolarità f'dan il-każ u appuntu mill-indaġnijiet tiegħu ma jirriżulta li ġara xejn ħażin. Għalhekk mhuwiex sew li r-rikorrenti tgħid li d-Dipartiment tal-Kuntratti ħasel idejh;

11. Illi dejjem bla ħsara għall-premess, dwar it-tieni u t-tielet talba rikorrenti, l-intimati ma jistgħux jirrispondu għad-danni għaliex ħadd mill-intimati ma kellu dan il-ħsieb doluż meta ma tawx il-kuntratt lir-rikorrenti. Għalhekk fl-assenza tad-*dolo* jew tal-*culpa* ebda danni ma huma dovuti;

12. Illi f'kull każ ir-rikorrenti trid iġġib prova tajba tad-danni li ġarrbet u kif ukoll li dawn id-danni kienu konsegwenza diretta ta' xi mġieba tal-intimati;

13. Illi dejjem mingħajr preġudizzju, ladarba l-għemil attakkat twettaq fi stadju prekuntrattwali, allura skont il-ġurisprudenza Maltija, ir-rikorrenti tista' titlob biss li titħallas għat-telf attwali u mhux ukoll kumpens minħabba telf ta' qliegħ;

14. Illi fl-aħħarnett ir-rikorrenti lanqas ma tista' tippretendi li tieħu danni morali, kemm għaliex dawn mhumiex kontemplati fil-liġi għax-xorta tal-każ li għandna quddiemna, kif ukoll għaliex telf ta' kuntratt pubbliku li ma jaqbiżx l-ammont ta' €6000+VAT, taħt l-ebda sura ta' immaġinazzjoni ma jista' jingħad li jwassal għal xi tbatija jew tiġrib li jintitolaw l-għoti ta' kumpens morali,

15. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti inġunta minn issa għas-subizzjoni."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu fil-mori tal-kawża;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' Jannar 2017 rigwardanti l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li ġiet miċħuda għar-raġunijiet hemm mogħtija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ippreżentata fit-8 t'Awwissu 2019[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2019[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

[1] Paġna 481 tal-proċess.
[2] Paġna 509 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**

Fis-17 t'April 2015 il-Ministru konvenut ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex isir stħarriġ permezz tat-telefon bl-isem *'Perceptions about third country nationals and immigration in Malta'*. Apparti li l-prezz ta' dan l-istħarriġ ma kellux jeċċedi sitt elef ewro (€6,000) eskluż il-VAT, kien jeħtieġ, fost numru ta' kriterji oħra, li l-applikant jipprova li għandu *'track record in developing and conducting surveys and/or quantitative data collection'*[3] kif ukoll li jkun fil-pussess ta' kwalifika f'suġġett relatat ma' riċerka soċjali (*'the lead researcher should at least have an MQF level 6 in a relevant subject related to social research'*[4]). Dwar din il-kwalifika intalbet kjarifika fejn ġie mistoqsi s-segwenti: *'Would a level 6 / 7 qualification in any one of the following subjects be considered related to social research? Business Administration, Education, Education Administration, EU Studies, Diplomacy'* u fl-24 t'April 2015 ingħatat risposta *'Yes, if the assessors deem that the bidder provides enough proof that the expert has the right knowledge in social research'*[5].

Fis-27 t'April 2015 ir-rikorrenti bagħtet, permezz ta' korrispondenza elettronika, il-proposta ta' riċerka li kienet tinkludi l-kwalifiki li għandha s-Sinjura Fsadni u lista ta' riċerka li hija kienet għamlet kif ukoll kwotazzjoni tax-xogħlijiet flimkien ma' numru ta' dokumenti oħra.[6] Rilevanti b'mod partikolari għall-mertu tal-kawża huma l-kwalifiki li għandha r-rikorrenti. B.A. (Hons.) Business Management (MQF 6) miksub mill-Università ta' Malta fl-1989 u MBA (Brunel) (MQF 7) miksub mill-Università ta' Brunel, Ingilterra fl-1997. Bħala kwotazzjoni r-rikorrenti kienet stmat li x-xogħol kien ta' tlett elef, disa' mija u ħamsin ewro (€3,950) esklużi VAT.

[3] Paġna 47 tal-proċess.
[4] *ibid.*
[5] Paġna 53 tal-proċess.
[6] Paġna 54 tal-proċess.

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni li kien responsabbli minn evalwazzjoni ta' sejħa għal kwotazzjoni kien kompost minn Brian Farrugia, Silvan Agius u Ruth Baldacchino, konvenuti f'din il-kawża. Fis-6 ta' Mejju 2015 permezz ta' korrispondenza elettronika r-rikorrenti ġiet informata li ma' ġietx magħżula sabiex tagħmel l-istħarriġ surreferit.[7] Permezz ta' korrispondenza elettronika oħra mibgħuta fis-7 ta' Mejju 2015 l-offerenti kollha ġew infurmati r-raġuni tar-rifjut u min kien intgħażel sabiex jagħmel l-istħarriġ. Ir-raġuni li l-proposta tar-rikorrenti ġiet eliminata kien għaliex ir-rikorrenti '*did not prove to have a social research qualification'*[8]. Dak in-nhar stess li ingħatat l-imsemmija informazzjoni, ir-rikorrenti bagħtet korrispondenza elettronika lis-Sur Anthony Cachia, Direttur tal-Kuntratti tinfurmah bl-eliminazzjoni tagħha u wara li spjegatlu r-raġuni għalfejn hi ma taqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Evalwazzjoni, talbitu sabiex jagħmel l-analiżi tiegħu u jekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord, huwa għandu jagħti parir sabiex ikun hemm reviżjoni fl-għotja u sabiex is-sejħa ta' stħarriġ telefoniku tiġi assenjata lilha.[9] Fis-26 ta' Mejju 2015, ingħatat risposta għat-talba tagħha u ġiet infurmata li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ikkunsidra l-kwalifiki, ċ-ċertifikat ta' sħubija ma' ESOMAR kif ukoll l-ittri ta' referenza però jispjega li l-ebda wieħed minn dawn ma jissodisfa l-kriterju meħtieġ li l-offerent għandu jkollu kwalifika f'suġġett relatat ma' riċerka soċjali: *'The Evaluation Board stressed that it did not deem Business Administration and Business Management to qualify as social research'*[10]. Wara din l-informazzjoni, ir-rikorrenti fil-31 ta' Mejju bagħtet korrispondenza elettronika lil Prim Ministru ta' dak iż-żmien fejn fiha insistiet li kien hemm illegalità meta s-sejħa ma ġietx assenjata lilha u talbitu sabiex jeżamina l-kwistjoni: *'My request is very simple: I only want what is rightfully mine for which I had submitted a good, detailed and evidence-based cheapest, technically-compliant research bid. The research project in question is a very interesting one for my firm, given that it is very much in line with the social research projects we have been involved in since*

[7] Paġna 157 tal-proċess.
[8] Paġna 160 tal-proċess.
[9] Paġni 161 – 162 tal-proċess.
[10] Paġna 163 tal-proċess.

*2004, apart from the financial aspect to this Project and the loss of revenue and profits, which are rightfully mine'*[11]. Fl-1 ta' Ġunju l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien informa lir-rikorrenti li l-korrispondenza tagħha kienet intbagħtet lis-Segretarju Permanenti Prinċipali. Fid-19 ta' Ġunju 2015 ikkomunika magħha s-Sur Mario Cutajar, is-Segretarju Permanenti Prinċipali fejn għaddielha l-informazzjoni li kien għaddilu l-Bord t'Evalwazzjoni u informaha li huwa ma setax jikkummenta fuq it-teknikalita` jekk il-kwalifiki tagħha kienux adegwati o meno *'as this lies within the remit of the evaluation committee'*[12].

Ir-rikorrenti ħassitha aggravata mid-deċiżjoni tal-Bord t'Evalwazzjoni u wara li l-eliminazzjoni tagħha ma ġietx rettifikata, hija għaddiet sabiex fl-4 t'Awwissu 2015 ippreżentat ittra uffiċċjali kontra l-konvenuti u fl-20 ta' Novembru 2015 intavolat l-azzjoni odjerna.

**Provi**

**Marika Fsadni**, li hija *full-time researcher*, xehdet li hija kienet waħda mill-offerenti. Spjegat li waħda mill-kriterji kienet li *'the lead researcher should at least have an MQF Level 6 in relevant subject related to social research'*. Tgħid li fl-Università ta' Malta ma hemmx Degree u lanqas Masters speċifikament f'riċerka soċjali, ġara għalhekk li kien hemm xi offerenti, tgħid li mhux hi, li talbu kjarifika dwar dan il-kriterju u fl-24 t'April 2015 ingħatat risposta għal din il-kjarifika u għaddiet sabiex waqt ix-xhieda tagħha tas-26 ta' Jannar 2017, is-Sinjura Fsadni spjegat wieħed wieħed id-dokumenti li hija kienet ippreżentat permezz ta' nota fit-8 ta' Frar 2016 u fissret xi fatti li ġew diġà riprodotti minn din il-Qorti fis-sezzjoni ta' qabel din. Tixhed li hija għandha BA mill-Università ta' Malta u MBA mill-Università ta' Brunel, liema Masters hija rikonoxxuta ġewwa Malta. Rigward il-kriterju su-indikat tixhed li l-kjarifika li ingħatat kienet fis-sens li Business Administration tiġi kkunsidrata diment li l-espert juri li għandu '*the right knowledge in social*

[11] Paġna 168 tal-proċess.
[12] Paġna 172 tal-proċess.

*research'*, kien f'dan l-istadju li spjegat li mill-Curriculum Vitae tagħha jintwera li hija għamlet "għaxar publications in social research li ktibthom jien or co-authored published kollha EU projects plus il-progetti kollha paragraphed kollha li jien ghamilt fuq social research. So there is no doubt li jiena għandi the right knowledge in social research"[13] liema għarfien ma jinkisibx biss bil-kwalifiki imma tista' tikseb l-għarfien bil-proġetti[14]. Tgħid li fiż-żewġ kwalifiki hija kellha suġġetti ta' Soċjoloġija, riċerka soċjali u każijiet ta' studju ta' riċerka soċjali u applikazzjoni ta' riċerka soċjali[15] però ma ħassitx il-ħtieġa li tannetti t-*transcript* mal-proposta tagħha.[16] Tgħid ukoll f'waħda mix-xhieda tagħha li hija uriet li għandha għarfien f'riċerka soċjali meta hija ppreżentat żewġ ittri ta' referenza.[17] Marika Fsadni tinsisti li jekk il-Kumitat t'Evalwazzjoni kien jonqsu xi dokumenti li setgħa jgħinu jiddeċiedi, kien fuq il-Kumitat li jsaqsi għalihom, "*the onus wasn't on me to submit*"[18]. Is-Sinjura Fsadni tgħid li "meta joħorġu clarifications whatever is written supersedes dak li jkun hemm fit-tender fil-quotation dossier'[19]. Wara dan hija tixhed dwar x'kommunikazzjoni għamlet u x'intqal fihom. Tgħid li hija kommunikat mad-Direttur tal-Kuntratti bħala '*watchdog as a facilitator'*[20] u wkoll għax waqt laqgħa li hija attendiet fi Frar 2015 is-Sur Cachia kien qalilhom sabiex jikkuntattjaw lilu jekk ikollhom xi mistoqsijiet. Hija għamlet hekk, ikkuntatjat id-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Direttur tal-imsemmi Dipartiment għadda l-kommunikazzjoni tas-Sinjura Fsadni lis-Sur Aquilina sabiex jaħdem fuq il-kwistjoni. Tispjega li però id-Direttur ma ħax pożizzjoni u qalilha li huwa ma jidħolx fil-mertu. Tgħid ukoll li hija ma setgħetx tappella. Lejn l-aħħar tax-xhieda tagħha tas-26 ta' Jannar 2017 tgħid li hija issottomettiet il-proposta tagħha '*because the clarification said that I was eligible*'[21]. Tkompli tgħid li ġaladarba hija tilfet din is-sejħa hija tilfet sejħiet oħra, li konsegwentement "jekk nitlef miżeralment 2, 3, 4 tenders.

[13] Paġna 290 tal-proċess.
[14] Paġna 415 tal-proċess.
[15] Paġna 411 tal-proċess.
[16] Paġna 412 tal-proċess.
[17] Paġna 410 – 411 tal-proċess.
[18] Paġna 414 tal-proċess.
[19] Paġna 291 tal-proċess.
[20] Paġna 295 tal-proċess.
[21] Paġna 298 tal-proċess.

Naħseb inkun tlift a 50, 60, 70 thousand [...]"[22]. Waqt il-kontro-eżami miżmum fil-31 t'Ottubru 2018 ir-rikorrenti ikkonfermat li hija ġiet informata bid-deċiżjoni fis-6 ta' Mejju 2015 u bir-raġuni għar-rifjut fis-7 ta' Mejju 2015. Tikkonferma wkoll li hija qatt ma talbet għal rimedju pre-kuntrattwali u dan "għax ma kienx hemm inġustizzja"[23]. In ri-eżami tgħid li m'huwiex minnu li l-esperjenza ma tiġix ikkunsidrata waqt l-evalwazzjoni tal-offerta. Tgħid ukoll li hija tilfet il-flus meta ma ħaditx is-sejħa mertu tal-kawża u dan tipparagunah ma' x'ġara wara riċerka li hija kienet għamlet għal Ministeru tal-Familja fejn wara l-konferenza li segwiet din is-sejħa hija ingħatat xogħol minn żewġ kumpaniji privati kif ukoll ingħatat *direct order* mill-Ministeru tal-Familja.

Xehed **Silvan Agius** li kien responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll membru fuq il-Kumitat tal-Evalwazzjoni, liema Kumitat kien immexxi minnu. Jispjega li kien il-Kumitat flimkien li kien evalwa l-kwalifiki u d-deċiżjoni kienet waħda unanima. Jgħid li l-kriterju prinċipali kien li l-espert għandu jkollu kwalifika f'livell minn ta' lanqas MQF 6 f'suġġett relatat ma' riċerka soċjali, però għal dan il-kriterju kien hemm xi mistoqsijiet li rrispondihom hu, fosthom jekk *Business Administration* jiġix ikkunsidrat. Huwa spjega fix-xhieda tiegħu li huwa ma setax jidħol f'kull suġġett individwali u ma setax jgħid iva jew le b'mod arbitrarju u kien għalhekk li irrisponda iva iżda bi kwalifika li *'the assessors deem that the bidder provides enough proof that the expert has the right knowledge in social research'*. Fir-rigward ta' Marika Fsadni jgħid li l-kors BA Business Administration m'għandux jingħata mill-Università ta' Malta però kien suġġett li

> "kien jingħata mill-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy filwaqt li dak ta' Brunel University meta wieħed iħares lejn il-website ta' Brunel University u jara l-informazzjoni li hemm dwar il-kors, dawn jgħidu Brunel MBA is a research led in the applied program for experienced professionals designed to maximise students investments in

[22] *ibid.*
[23] Paġna 469 tal-proċess.

the global executive career u jghidu Brunel MBA students benefits from rigorous corporate exposure designed to build global professional advantage throughout the program u mbagħad il-modules li huma joffru jisimhom hekk, operations management, corporate and competitive strategy, business economics, leading people in management organisations, corporate and business finance, strategic marketing management, international business, business projects and professional portfolio u jagħtu optional modules management for the future, airline management, economic and ethics u health care policy u mbagħad jerġa' hemm modules oħrajn"[24]

Ix-xhud ikkonferma li din hija informazzjoni li huwa kiseb mis-sit elettronika tal-Università ta' Brunel, liema Università ma kellhiex korsijiet f'riċerka soċjali iżda '*about identifying your strengths and weaknesses maximising your assets and turning them into a more profitable future*'[25]. Jikkonferma wkoll li huwa ma kellux aċċess għall-informazzjoni tal-kors kif kien formulat lura fis-sena 1996 però jisħaq li jekk Marika Fsadni "riedet tagħmel il-punt li fil-fatt għandha s-social research neċessarju, kienet tissottometti t-transcript bħala prova, liema haġa m'għamlitx"[26]. Għal mistoqsija mil-legali tar-rikorrenti li l-Kumitat kellu jinforma lis-Sinjura Fsadni li kienu jeħtieġu transcript u jtuha ċans tippreżentah, ix-xhud irribatta li kienet tinħoloq problema serja kieku kien hemm kommunikazzjoni bejn il-Kumitat u l-offerenti fuq kull sottomissjoni, apparti l-fatt li l-proġett kellu ċertu urġenza fih u dan għaliex ried jiġi konkluż sa Ġunju 2015. Ix-xhud spjega li l-kjarifika li ingħatat fl-24 t'April 2015 kienet tintrabat mal-kriterju prinċipali ċioe li l-espert kellu jkollu kwalifiki f'suġġett relatat mar-riċerka soċjali u mhux fi kwalunkwe kwalifika oħra. Huwa minnu li r-rikorrenti kellu kwalifiki f'livell 6 iżda mhux fir-riċerka soċjali – "Il-konklużjoni tal-kumitat in kwistjoni kienet li l-kors in *business management*, ma kienx jikkwalifika bħala *social research* u dik kienet ir-raġuni li wasslet għal esklużjoni tas-Sinjura

[24] Paġna 313 tal-proċess.
[25] Paġna 314 tal-proċess.
[26] *ibid.*

Fsadni."[27] Min-naħa l-oħra l-offerent li ġie magħżul għandu Masters fl-Istorja "estensjoni tal-fakultà tal-arti b'elementi varji ta' riċerka ta' natura soċjali'[28]. Jikkonferma li l-Kumitat bħal ma fittxew dwar il-kwalifiki tar-rikorrenti, huma għamlu riċerka fuq is-sit elettroniku tal-Università ta' Malta dwar il-Masters fl-Istorja u minn hemm ikkonfermaw li l-kwalifika kienet biżżejjed. Fix-xhieda tat-22 ta' Novembru 2017 Silvan Agius spjega li l-*handbook* tad-Dipartiment tal-Istorja "jagħti importanza lill-aspett kulturali soċjali, ekonomiku u l-konoxxenza tal-aspett politiku tal-istorja [...] u jenfasizzaw l-aspett analitiku u kritiku."[29] Ix-xhud spjega wkoll li m'hemmx spjegazzjoni dettaljata dwar il-kors ta' *Business Management* u ma kien hemm l-ebda referenza għal *social science*. Jgħid ukoll li t-*transcripts* li ġew ippreżentati mil-legali tar-rikorrenti waqt ix-xhieda tiegħu qatt ma kienu ġew sottomessi lilhom u għalhekk qatt ma setgħu jikkunsidrawhom waqt l-evalwazzjoni.

Fit-22 ta' Novembru 2017 xehed id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, **Anthony Cachia** fejn spjega li wara l-emendi fil-liġi fl-2016 kull infiq 'il fuq minn €5,000 għandhom jinħarġu permezz ta' kwotazzjoni, fejn qabel l-emendi ċ-ċifra kienet ta' €12,000. Jispjega li qabel l-emendi appelli quddiem il-Public Procurement Appels Board setgħu isiru jekk is-sejħa kienet aktar minn €12,000 filwaqt li bl-emendi tal-2016, iċ-ċifra niżlet għal €5,000, b'konsegwenza għalhekk li qabel l-emendi kwotazzjonijiet anqas minn €12,000 ma kellhom "l-ebda rimedju"[30]. Jispjega li r-rimedju li jista' jipprovdi d-Direttur huwa fil-mument pre-kuntrattwali u ċioe mid-data li toħroġ is-sejħa sad-data li tingħalaq is-sejħa. Meta l-legali staqsa "d-dipartiment tal-kuntratti meta kien qed ikun hemm kwistjonijiet ta' quotations ta' inqas minn 12,000 id-dipartiment tal-kuntratti ma jagħmel xejn jekk ikun hemm ilment?" ix-xhud spjega li huwa jieħu "ħsieb l-infiq kollu 'il fuq minn 120,000, jiġifieri jiena nieħu ħsieb l-administration ta' tender il' fuq minn 120,000 kien dak iż-żmien. Taħt 120,000 it-tender quotation jew kif isir l-infiq, direct order għid li trid, tieħu ħsiebha d-dipartiment konċernat u jien

[27] Paġna 352 tal-proċess.
[28] Paġna 316 tal-proċess.
[29] Paġna 349 tal-proċess.
[30] Paġna 369 tal-proċess.

m'għandi l-ebda jedd, mod li nidħol fl-amministrazzjoni ta' dik il-ħaġa."[31] Jamplifika li huwa jirċievi ħafna ilmenti u huwa jarahom dawn l-ilmenti però għal sejħiet ta' anqas minn €120,000 l-ilmenti jikkunsidrahom bona grazia tiegħu u mhux għax għandu xi ġudizzju fuq dawk it-tip ta' sejħiet. Fil-fatt l-ilment tar-rikorrenti rah mil-lenti proċedurali u huwa ħass li l-proċedura adottata kienet skont ir-regolamenti, jgħid li huwa ma daħalx fl-evalwazzjoni u dan għaliex huwa ma jidħolx fl-evalwazzjoni, jekk jara "li l-proċedura li ntużat kienet tajba, nieqaf hemm"[32]. Fix-xhieda tiegħu, s-Sur Cachia astjena milli jirrispondi mistoqsijiet fuq evalwazzjoni u dan għaliex m'hijiex il-kompetenza tiegħu li jagħmel hekk.

Il-konvenuti resqu lid-Dekan tal-Fakultà tal-Maniġment u *Accountancy* **Frank Bezzina** fejn spjega li l-imsemmija fakultà ma toffrix BA f'Business Management imma B.Com fejn wieħed mill-qasam ta' studju huwa l-maniġment. Fil-fehma tiegħu t-teżi tar-raba' sena ma tagħtix bażi b'saħħtu biżżejjed li wieħed jista' jgħid li għandu xi għarfien f'riċerka soċjali. Ix-xhud jemmen li din tista' tinkiseb biss jekk wieħed jagħmel "mill-inqas M.A by research jew PhD"[33]. In kontro-eżami jispjega li m'hemmx kwalifika fuq riċerka soċjali, dak li tipprovdi l-fakultà responsabbli minnha hu huwa unit f'*Applied Research Tools for Business* li huwa kors introduttiv għall-metodi ta' riċerka limitatament fin-negozju; huwa kors ferm bażiku li persuna ma tistax tippromwovi lilha nnifisha bħala riċerkatriċi fil-qasam soċjali. Id-Dekan spjega li l-kors għandu diversi units iżda l-istudent jagħżlu dawk il-units li jgħoddu għall-ispeċjalizzazzjoni tagħhom apparti wkoll li hemm units li m'humiex obbligatorji u għalhekk m'hemm l-ebda garanzija li kull student li eżempju ħa Maniġment ser jagħżel dak il-unit. In oltre imbilli student ikun ħa suġġett wieħed "fil-Banking, ma jistax jissejjaħ li għandu background b'saħħtu fil-Banking. Just ikun mess mas-suġġett."[34] Skont dan ix-xhud li jkollok units f'riċerka m'huwiex biżżejjed biex tikkwalifika lil xi ħadd li għandu għarfien ta' riċerka, huwa tal-fehma li sabiex wieħed ikun kwalifikat

[31] Paġni 369 – 370 tal-proċess.
[32] Paġna 373 tal-proċess.
[33] Paġna 434 tal-proċess.
[34] Paġna 437 tal-proċess.

f'riċerka jrid jagħmel "MA by research fejn inti tkun trenjajt ruhek fuq ir-ricerka. Fejn tkun studjajt hafna modi, kwalita' ta' tools kollha li hemm u applikajtu"[35].

**Profs Domnic Fenech**, Dekan tal-Fakultà tal-Arti telgħa jixhed fil-25 ta' Ġunju 2018 fejn spjega li "L-Istorja hija tema versatili ħafna. Ċerti aspetti tagħha jikkwalifikaw sewwa bħala studju soċjali. Jiġifieri jekk inti qed tieħu economic history, social history, gender history, aspetti tal-istorja ġeneralment soċjali u ekonomiku. Labour history. Fejn ta' spiss ikollok tuża' strumenti bħal statistika, statistical analysis, qualitative, quantitative analysis, dawk it-tip ta' tools, hemmhekk ehe, kif tgħid hawn, il-mestier jirrikjedi li inti tuża' dawn, tieħu approach ta' studju soċjali. Min-naħa l-oħra, jekk inti qed tieħu aspetti iżjed politiċi, diplomatiċi, ta' gwerra, eżempju grand narrative of history, hemmhekk ma ngħid li taqa' taħt definizzjoni ta' xjenza soċjali."[36] Jispjega li l-istudenti jieħdu l-ispeċjalizzazzjoni fil-forma ta' teżi kif ukoll mill-units li jagħżlu matul il-kors u din l-ispeċjalizzazzjoni tkun ċara mit-*transcript* tal-istudent. In kontro-eżami ġie mistoqsi jekk introduzzjoni għas-Soċjoloġija, *industrial sociology, operational research and data processing* mhumiex "parti minn social research", ix-xhud qal li dan mhux il-qasam tiegħu però jaħseb li bihom qegħdin jiġu użati strumenti u "tikseb skills illi jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' social studies"[37]. Id-Dekan ikkonferma li fil-kors tal-Istorja m'hemmx unit speċifiku fuq metodoloġija. Però in ri-eżami jgħid li jekk studenta tkun ħadet element ta' preparazzjoni waqt l-istudji tagħha, dik tista' tiġi kkunsidrata bħala persuna kompetenti biex twettaq riċerka soċjali.

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta **Ruth Baldacchino** spjegat li hija kienet parti mill-Kumitat t'Evalwazzjoni fuq is-sejħa mertu tal-kawża u dan wara li kienet intgħażlet mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Ix-xhud tgħid li hija qdiet dmirha fil-parametri ta' dak mitlub minnha fil-kariga li hija kienet tokkupa "u

[35] Paġna 438 tal-proċess.
[36] Paġni 441 – 442 tal-proċess.
[37] Paġna 444 tal-proċess.

b'ħarsien sħiħ lejn dak mitlub fil-*call for quotations* innifisha".[38] Tispjega li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ħa d-deċiżjoni tiegħu fuq dak indikat fis-sejħa t'applikazzjoni u fil-parametri tal-istess, liema deċiżjoni ittieħdet b'mod zunanimu u mhux personali. Ruth Baldacchino tikkonferma li l-kwalifiki u d-dokumenti tal-offerenti ġew meqjusa b'reqqa, inkluż il-kwalifiki u d-dokumenti tas-Sinjura Fsadni. Ix-xhud tgħid li "minn dawn id-dokumenti ma rriżultalniex illi Marika Fsadni bħala lead researcher kellha MQF level 6 f'suġġett relatat mar-riċerka soċjali"[39] iżda kienu kwalifiċi li jiffokaw fuq is-suq (market) u "fl-ebda mid-dokumenti preżentati min Marika Fsadni ma rriżultalna mod ieħor"[40]. Ruth Baldacchino tikkonferma dak li qal Silvan Agius li bħala Kumitat huma għamlu verifiki fuq is-siti elettroniċi tal-Università ta' Malta u ta' Brunel. In oltre tgħid li l-Kumitat kien marbut bil-kriterju li l-kwalifika kellha tkun f'suġġett relatat mar-riċerka soċjali u għalhekk ma setgħux jieħdu in konsiderazzjoni l-esperjenza biss li kellha Marika Fsadni. Hija tgħid ukoll li r-risposta għal mistoqsijiet huma biss kjarifika u mhux biex jiżdied ma' dak li jkun intalab fis-sejħa oriġinali. Irrispettivament mill-prezz baxx li tat ir-rikorrenti, ġaladarba ma kinitx tissodisfa l-kriterji mitluba il-proposta tagħha ma setgħetx tiġi kkunsidrata.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** permezz t'affidavit fejn spjega li huwa kien membru fil-Kumitat t'Evalwazzjoni kif kien innominat mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru konvenut u għalhekk huwa m'aġixxiex f'ismu personali iżda bħala uffiċċjal. Id-deċiżjoni li ttieħdet kienet waħda unanima marbutin bil-kriterji li kien hemm fis-sejħa. Jirritjeni li Marika Fsadni ma kellhiex il-kwalifiki neċessarji li kienu mitluba fis-sejħa u għalhekk il-proposta tagħha ma setgħetx tiġi meqjusa. Is-Sur Farrugia jispjega li l-prezz jiġi evalwat wara li jiġu analizzati l-kriterji. Jikkonkludi "li r-rikorrent kellha tgħid fir-rigward tal-kwalifiki tagħha kellha tgħidu u turih meta ssottomettiet l-offerta u mhux tistenna lill-Bord ta' Evalwazzjoni jistaqsiha hu"[41].

[38] Paġna 448 tal-proċess.
[39] Paġna 449 tal-proċess.
[40] *ibid.*
[41] Paġna 452 tal-proċess.

**Steve Monreal**, *procurement manager*, jgħid li l-irwol tiegħu huwa li jara s-sejħiet għas-servizzi, xogħlijiet u xiri ta' prodotti, isiru sew u skont il-liġi u r-regolamenti tal-Procurement. Min-naħa tiegħu huwa ma għamel xejn fil-vesti tiegħu personali iżda fil-vesti tal-kariga tiegħu. Jgħid ukoll li "fl-ebda stadju ma kont involut fl-evalwazzjoni tal-istess sejħa iżda kont involut biss biex nara illi l-proċedimenti mill-lat amministrattiv saru b'mod regolari"[42] fejn ma rriżulta li ma kien hemm l-ebda forma ta' irregolarità. Jispjega li huwa ffirma biex ikompli miexi l-proċess biex eventwalment jiġi ffirmat il-kuntratt.

Xehed ukoll **Joseph Camilleri**, is-Segretarju Permanenti fejn permezz t'affidavit spjega li l-membri tal-Kumitat t'Evalwazzjoni, ċioe Brian Farrugia, Silvan Agius u Ruth Baldacchino ġew maħtura minnu. Jgħid ukoll li Stephen Monreal kien okkupa l-kariga ta' Procurement Manager u jikkonferma li dan ma kienx ħareġ mil-limiti tal-poteri tiegħu.

Il-konvenuti resqu wkoll lil **Dr Franco Agius**, Assistant Direttur fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Huwa spjega li l-amministratur ta' din is-sejħa kien il-Ministeru konvenut u dan stante li dak iż-żmien sejħiet dipartimentali ma kienux jaċċeddu €120,000. Fil-każ odjern "peress li dis-sejħa kienet ta' xi €6,000 [...] kienet taqa' taħt ir-regolamenti li jirregolaw is-sejħiet dipartimentali jiġifieri ma kienx ikun hemm involviment tad-Direttur tal-Kuntratti waqt l-amministrazzjoni tas-sejħa"[43]. Jispjega li l-involviment tad-Direttur seta' jkun wieħed pre-kuntrattwali fejn l-offerenti setgħu jitolbu rimedju jekk is-sejħa kellha xi kundizzjonijiet diskriminatorji jew kellha xi kundizzjoni li kienet iżżomm lil xi offerent milli jitfa' l-offerta. Dan ir-rimedju setgħa jintalab biss qabel tagħlaq is-sejħa għall-offerti u dan stante li ma' l-għeluq tas-sejħa ma jibqax lok li jitwarrbu xi kundizzjonijiet jew kriterji li jkun hemm fis-sejħa. Wara li sejħa tingħalaq u jkun hemm operatur magħżul, il-kontestazzjoni tista' ssir quddiem il-Public Contracts Review Board però għal sejħiet li jeċċedu €12,000, sejħiet anqas minn €12,000 ma kellhomx rimedju quddiem l-imsemmi Bord. Fil-każ ta' Marika Fsadni,

[42] Paġna 453 tal-proċess.
[43] Paġna 460 tal-proċess.

bagħtet korrispondenza elettronika lid-Dipartiment tal-Kuntratti tilmenta li l-iskwalifika tagħha ma kinitx waħda ġusta. Id-dipartiment għamel stħarriġ "bħala amicus curiae"[44] iżda nonostante dan id-Dipartiment tal-Kuntratti ma kellux is-saħħa li jbiddel dik id-deċiżjoni. Fir-rigward sejħiet li r-rikorrenti tilmenta li tilfet peress li hija ma ntgħażlitx għas-sejħa mertu ta' din il-kawża, ix-xhud jippreżenta dokument b'lista ta' sejħiet li għalihom ir-rikorrenti ġiet ingaġġata mill-Ministeri jew Awtoritajiet governattivi wara l-eliminazzjoni tas-sejħa odjerna. In kontro-eżami Dr Agius spjega li qabel operatur jissottometti l-offerta tiegħu jista' jitlob kjarifika liema kjarifika tingħata qabel tagħlaq is-sejħa mill-awtorità kontraenti jew inkella mid-direttur tal-kuntratti. Jgħid li fil-każ odjern il-kjarifika kellha tingħata mill-awtorità kontraenti. Kjarifika sservi biex tiċċara s-sejħa u mhux biex tinbidel is-sejħa. In oltre jispjega wkoll li "bħala applikant u bħala economical operator li qed tapplika, għandek ir-responsabbiltà tal-kwalità tal-offerta. Jiġifieri dik hija invested fil-ġurisprudenza u f'dak il-każ, hija invested fuq l-applikant. Huwa hu li jrid jipprova li jilħaq ir-rekwiżiti tas-sejħa. M'hemmx obbligu fuq il-contracting authority, li toħroġ anke mill-ġurisprudenza li tagħmel mezz biex l-applikant jiġi compliant. Fl-aħħar minn l-aħħar, ir-responsabbiltà li jipprova li jaqbel mal-kriterji tiegħi hija biss tal-applikant"[45] huwa għalhekk hija r-responsabbiltà tal-offerent li jipprova li għandu l-kwalifiki u jagħti d-dokumenti kollha neċessarji. Jgħid li lura fl-2013, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ħareġ ċirkolari tipprovdi li għal sejħa ta' anqas minn €500,000 ma tistax tintalab esperjenza bħala kriterju ta' selezzjoni b'dan iżda ma jfissirx li l-esperjenza ma tingħatax importanza. Jispjega li "il-kwalifiċi huma kwalifiċi u esperjenza hija esperjenza. Il-kriterju relatat mal-kwalifiki ma għandu xejn x'jaqsam mal-kriterju proven track record"[46].

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti resqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari qabel resqu l-eċċezzjonijiet fil-mertu u fost dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenuti eċċepew li

[44] Paġna 461 tal-proċess.
[45] Paġna 475 tal-proċess.
[46] Paġna 476B tal-proċess.

din il-Qorti ma kellhiex kompetenza. Fid-9 ta' Jannar 2017 ġie deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta illi li l-Qorti 'ghandha l-kompetenza *rationae valoris* biex tiddisponi minn din l-azzjoni ġaladarba t-talba tar-rikorrenti, titratta' talba b'valur indeterminat' u għalhekk għaddiet biex ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti. Hekk deċiż, imiss lil din il-Qorti kif issa presjeduta tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet preliminari rimanenti qabel tiddelibera dwar il-mertu jekk ikun hekk meħtieġ.

**L-Eċċezzjoni Preliminari illi l-konvenuti Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment ġew imħarrka bla bżonn**

Bħal ma ġie ritenut aktar 'l fuq fis-sejħa għall-offerti fil-każ de quo kull offerta ma kelliex teċċedi l-valur ta' €6,000, għalhekk ġaladarba l-valur ma jeċċedix €120,000 il-proċess tas-sejħa u l-għoti tal-kuntratt kien ġie amministrat mill-awtorità kontraenti ċioe mill-Ministeru dak iż-żmien għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili u li sussegwentment bidel ismu kif jirrizulta mill-atti u dan kif kien regolat b'**Regolament 19 tal-Avviż Legali 296 tal-2010**[47]. B'dan ifisser għalhekk li d-Direttur tal-Kuntratti ma kellu l-ebda involviment fil-proċess tas-sejħa, wisq anqas fl-evalwazzjoni tas-sejħiet. L-unika rwol li seta' kellu d-Direttur konvenut kien waqt il-fażi pre-kuntrattwali fejn id-Direttur tal-Kuntratti jintalab rimedju "wara deċiżjoni li tkun ittieħdet qabel id-data tal-għeluq tal-offerta"[48].

Ir-rikorrenti waqt il-kontro-eżami ikkonfermat li hija ma rrikorritx għal rimedju pre-kuntrattwali għax ma kienx hemm ħtieġa. Hija qalet li dak li riedet kien rimedju wara li ġie magħżul l-operatur u kien għalhekk li hija kkomunikat mad-Direttur konvenut. Id-Direttur Anthony Cachia ikkonferma li r-rikorrenti kienet bagħtitlu korrispondenza elettronika bl-ilment tagħha

[47] "(1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (2) u (3), il-kuntratti pubbliċi kollha, li l-valur stmat tagħhom ma jeċċedix mija u għoxrin elf euro (€120,000), għandhom ikunu regolati u amministrati mill-awtorità kontraenti, li għandha madankollu tiżgura li jitħarsu d-dispożizzjonijiet kollha applikabbli li jinsabu fit-Taqsima I u fit-Taqsima II."

[48] Regolament 2 tal-Avviż Legali 296 tal-2010.

però huwa spjega wkoll li huwa ikkomunika mal-awtorità kontraenti b'bona volontà tiegħu u mhux għax kien obbligat li jagħmel hekk. In oltre lanqas kellu s-setgħa bil-liġi li jirrikonsidra l-evalwazzjoni li għamel il-Kumitat t'Evalwazzjoni ġaladarba l-valur tas-sejħa kien €6,000, tant li fir-risposta li ingħatat ir-rikorrenti mid-Dipartiment tal-Kuntratti kienet riproduzzjoni ta' x'kienet il-fehma tal-Bord tal-Għażla. Waqt ix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Novembru 2017, Anthony Cachia spjega li "taħt 120,000 it-tender quotation jew kif isir l-infiq, direct order għid li trid, tieħu ħsiebha d-dipartiment konċernat u jien m'għandi l-ebda jedd, mod li nidħol fl-amministrazzjoni ta' dik il-ħaġa."[49] Jiġi nnotat ukoll li r-rikorrenti stess waqt ix-xhieda tagħha tal-5 ta' Frar 2018 wriet li kienet taf sewwa b'dan il-fatt tant li stqarret li "it's true li peress li it was under twelve thousand [...] he [b'referenza għad-Direttur tal-Kuntratti] was not legally bound"[50] li jassistiha wara li ġie konkluż il-proċess t'evalwazzjoni. Il-fatt waħdu li mingħajr ma kien hemm obbligu għen sabiex jiffaċilita' l-korrispondenza bejn ir-rikorrenti u l-Ministeru konċernat ma jirrendihx responsabbli għal dak li ġie deċiż mill-Kumitat t'Evalwazzjoni.

In vista li s-sejħa ma kienitx taqa' fir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Kuntratti kif regolat f'Regolament 19 tal-Avviż Legali 296 tal-2010 u in vista li l-awtorità kontraenti kien il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, din il-Qorti qed tiddeċiedi li d-Direttur tal-Kuntratti ma hux il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u li allura ġie imħarrek inutilment.

Fir-rigward ta' Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal li ġew imħarrka f'isimhom personali, jeħtieġ li ssir referenza għall-**Artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi li "Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

[49] Paġni 369 – 370 tal-proċess.
[50] Paġna 416 tal-proċess.

Il-kwistjoni in eżami hija diretta kontra l-mod ta' kif ġiet deċiża s-sejħa għall-kwotazzjoni li inħarġet mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Kif jikkonferma s-Segretarju Permanenti fl-affidavit tiegħu, Brian Farrugia, Silvan Agius u Ruth Baldacchino kienu fuq il-Kumitat t'Evalwazzjoni wara li kien inkarigahom hu sabiex jagħmlu hekk. Jikkonferma wkoll li Stephen Monreal ma kienx fuq il-Kumitat iżda kien jara li s-sejħiet għas-servizzi, xogħlijiet u xiri ta' prodotti, isiru sew u skont il-liġi u r-regolamenti tal-Procurement.

Il-konvenuti jinsistu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li "għall-għanijiet ta' din il-kawża u għar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, il-preżenza tal-Ministeru mħarrek kienet biżżejjed" u għaddew sabiex jirreferu għas-sentenza **Office Group Limited vs. Direttur tal-Corporate Services fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Djalogu u Familja et** (App Ċiv 188/2013) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-16 ta' Settembru 2013:- "L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Ministru u tal-Avukat Ġenerali hija tajba u għandha tintlaqa'. [...] Fil-każ tallum id-Direttur huwa l-kap tad-dipartiment tal-gvern inkarikat fil-materja in kwistjoni u ma kien hemm ħtieġa li jitħarrku wkoll la l-Ministru u lanqas l-Avukat Ġenerali."

Huwa minnu li l-evalwazzjoni saret minn Brian Farrugia, Silvan Agius u Ruth Baldacchino iżda dawn kienu qegħdin jagħmluha fil-kompetenza tagħhom bħala uffiċjali pubbliċi wara li ġew maħtura li jagħmlu hekk u mhux f'isimhom personali. Ir-rikorrenti tinsisti li kienet id-deċiżjoni tal-membri tal-Kumitat li wasslet għal din il-kawża, iżda bħal ma sottomettew il-konvenuti, id-deċiżjoni aħħarija li wasslet għall-eliminazzjoni tar-rikorrenti ittieħdet mill-Ministeru konvenut.[51]

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-konvenuti Ruth Baldacchino, Silvan Agius, Brian Farrugia u Stephen Monreal m'humiex

[51] Ara **Dr. Emmanuel Borda vs. Professur Juanito Camilleri noe et** (Rik Kost 67/2009 JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Novembru 2015.

leġittimi kontraditturi fil-kawża odjerna; li ġew imħarrka inutilment u għalhekk qed jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**L-Eċċezzjoni li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv kif regolata bl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u mhux waħda ta' kulpa akwiljana jew ta' danni normali**

Ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti hija wkoll ta' natura preliminari li titratta n-natura tal-azzjoni u ċioe fejn il-konvenuti jinsistu li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 469A. Min-naħa tagħha r-rikorrenti tissottometti li "l-ghazla tal-kawza taghmilha l-attrici u mhux l-intimat". Tgħid ukoll li qatt ma kien hemm intenzjoni li tirrikorri għal stħarriġ amministrattiv iżda hija azzjoni ta' danni ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

F'dan ir-rigward il-Qrati Maltin kellhom diversi opportunitajiet jikkunsidraw punti legali simili għal dawk sollevati fil-każ odjern. Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et** (Ċit Nru 369/2009) deċiża fit-28 t'Ottubru 2010 irriteniet li:-

> "18. Tassew illi t-talba tal-atturi hija għal danni, iżda din it-talba hija mibnija fuq il-premessa illi d-danni tnisslu "b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti", u għalhekk qabel xejn hija meħtieġa deċiżjoni dwar jekk dak l-għemil – id-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2005 – kienx tassew "illegali". Deċiżjoni bħal dik tista' biss tittieħed wara stħarriġ ġudizzjarju ta' dak l-għemil, li għalhekk huwa regolat bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 ta' Mejju 2014 għaddiet sabiex ikkonfermat proprju dak li qalet l-Ewwel Qorti u reaffermat li

> "L-atturi appellanti jghidu li l-azzjoni taghhom hija ghad-danni mhux ghat-twaqqieh tal-agir, pero`, ir-responsabbilita` ghad-danni

necessarjament timplika ghemil hazin, u dak li jkun ma jistax jitlob danni u, fl-istess hin, izomm ferm l-agir amministrattiv li skont hu ta lok ghad-danni. Biex ikun hemm danni, irid ikun hemm agir abbuziv jew illegali, u dak li jkun ma jistax jghid li l-"agir illegali" ghandu jibqa' validu, izda jitlob danni. Jista' jkun illi dak li jkun ma jkunx ghadu interessat fir-revoka tal-agir illegali, imma biex jitlob danni jrid juri li dak l-ghemil kien fil-fatt illegali jew tal-anqas censurabbli, u jekk jigi hekk muri, dak l-agir ma jistax jitqies li jithalla in ezistenza minghajr rimarki fuq il-validita` tieghu, daqs li kieku kien ghemil validu. Kawza ghad-danni, fil-kuntest ta' allegat agir illegali, tista' titressaq fil-kuntest ta' talba ghal stharrig tal-ghemil amministrattiv taht l-Artikolu 469A imsemmi, izda ma ghandhiex hajja indipendenti minn dak l-istharrig. Kwindi jekk l-atturi, fit-termini tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 469A, issa ma jistghux jattakkaw l-ghemil allegatament illegali tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma jistghux lanqas jitolbu danni"

L-**Artikolu 469A fl-ewwel subinċiż** testwalment jipprovdi li

"Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex **jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv <u>jew</u> li jiddikjaraw dak l-egħmil null**, invalidu jew mingħajr effett [...]"

Kif ben osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Ragonesi & Co Ltd pro et noe vs. Korporazzjoni Enemalta et** (Ċit Nru 910/2006) mogħtija fit-18 ta' Novembru 2010, "...din il-Qorti tqis li l-iskop ta' dan l-artikolu m'humiex limitat għal talba ta' dikjarazzjoni ta' nullità ta' egħmil amministrattiv iżda tagħti rimedju ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv u dan bit-terminu 'jew' li timplika l-alternattiva taż-żewġ rimedji."

Il-kawża appena ċitata hija ferm simili għal każ de quo, fejn l-azzjoni kienet waħda dikjaratorja li permezz tagħha r-rikorrenti f'dik l-azzjoni talbu jiġi dikjarat li l-konvenuti kienu wettqu irregolaritajiet fil-proċedura segwita għall-għoti ta' tender.

Il-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "[...] jehtieg li tigi investita n-natura tal-azzjoni attriċi, peress li s-socjetà attrici appellata tishaq li l-azzjoni taghha mhix wahda ta' stharrig ta' ghemil ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), iżda li l-kawza istitwita minnha saret bhala proċedura ad hoc taht prinċipju ġenerali tal-ligi li ma jinkwadrawx taht l-imsemmi artikolu u ghalhekk issostni li ma japplikawx l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti appellanti. Hija tishaq li l-Qrati taghna jirrikonoxxu li jistghu jsiru proċeduri li ghandhom fihom element ta' stharrig ġudizzjarju, minghajr ma dawn jitressqu ai termini tal-Artikolu 469A tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ticcita sentenza f'dan ir-rigward.
>
> Minn ezami tar-rikors promotur, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjetà attrici tilmenta minn serje ta' avvenimenti ritenuti minnha rregolari u tishaq li kien konsegwenza ta' dawn l-irregolaritajiet li wasslu lill-konvenuti appellati li jaghtu l-kuntratt lis-socjetà konvenuta l-ohra. Jekk wiehed jara l-agir li tilmenta minnu s-socjetà attrici appellata, dan jirrelata mal-process ta' *public procrument* adoperat miz-zewg konvenuti appellanti sabiex wettqu l-ghazla taghhom. Isegwi li l-agir ilmentat minnha huwa marbut sew mar-responsabbiltajiet taghhom, bhala parti mill-process shih ghall-iskritunju tal-offerti u l-ghoti ta' kuntratt pubbliku, li min-natura tieghu huwa intrinsikament ta' natura amministrattiva. Isegwi, anke fid-dawl ta' dak li ser jinghad fil-paragragu minnufih wara dan, li huwa al kwantu ovvju li proprju l-porvvediment specjali taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jirregola din il-vertenza u mhux il-ligi ordinarja taht il-Kodici Civili. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju 2002, fil-kawza fl-ismijiet Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et).

Id-dicitura adoperata mill-istess socjetà attrici appellata fir-rikors promotur taghha, fis-sens li jigu investigati l-irregolaritajiet imwettqa mill-konvenuti appellanti, ukoll hija sintomatika ta' stharrig ta' ghemil amministrattiv. Dana jinghad fid-dawl tal-Artikolu 469A(1) [...]

Huwa ghalhekk meqjus li meta s-socjetà attrici appellanti tixli lill-konvenuti b'irregolaritajiet f'ghemilhom, dan jinkwadra sew fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b) in ezami [...]."

Referenza ssir ukoll għad-deċiżjoni **Dragonara Gaming Ltd vs. Il-Ministru tal-Finanzi et** (Rik Ġur 1000/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017 fejn ġie meqjus is-segwenti:

"Trattat dan il-punt, din il-Qorti tinnota li n-natura tal-azzjoni ma tiddependix fuq kif jogħġbu jsejħilha l-attur, iżda din għandha tinftiehem min-natura tal-ilment, min-natura tal-egħmil li dwaru saret il-kawża, kif ukoll in-natura tar-rimedju mitlub mill-istess attur. Fil-fehma tal-Qorti dak li sar mill-gvern intimat jaqa' li jitqies bħala egħmil amministrattiv skont il-liġi, li fid-definizzjoni ta' din il-frażi bħala egħmil amministrattiv skont il-liġi, tkopri kull deċiżjoni li ssir minn awtorita' pubblika. Din id-deċiżjoni qed tiġi attakkata fuq bażi ta' diversi raġunijiet li jaqgħu fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 469A (1). Fil-fatt dan is-subartikolu jipprovdi illi l-egħmil amministrattiv jista' jiġi attakkat jekk ikun *ultra vires* għal xi raġuni, fost oħrajn li ma jkunux ġew segwiti l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatarji li jkopri l-ilmenti ta' aġir vizzjat u mhux trasparenti, li l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa, li jkopri l-ilmenti ta' abbużi u mala fede, u li l-istess għemil ikun kontra l-liġi, li tkopri sitwazzjonijiet fejn l-egħmil ikun irraġonevoli jew kontra d-dettami tas-sewwa u tar-raġonevolezza. Dan juri li l-ilmenti kollha tas-soċjeta' attriċi jaqgħu li jkunu meqjusa u kkonsidrati taħt dan l-artikolu tal-liġi. Każ simili fejn ukoll ġiet analizzata ċ-ċitazzjoni attriċi u mqabbla mal-provvedimenti tal-Artikolu 469A huwa **Zamboni et vs Direttur tal-Kuntratti et**, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002. F'dik is-sentenza intqal li deċiżjoni fuq sejħa pubblika hija deċiżjoni

amministrattiva, u li l-kawża saret fit-termini tal-Artikolu 469A (per eżempju, bl-użu ta' kliem 'abbuż u eċċess tal-poter' u 'bi ksur tal-liġi', kliem li intużaw ukoll f'din il-kawża) u dan inatteż x'jipprova jsejħilha l-attur.

Mhux daqshekk rilevanti xi jsejjaħ l-azzjoni tiegħu l-attur, għax x'inhi l-azzjoni jiddependi min-natura infisha tal-azzjoni u għal xhiex irid jasal l-attur. F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi qed titlob reviżjoni ta' deċiżjoni li ttieħdet minn xi awtorita' kostitwita mill-gvern, u għal tali ilment, il-liġi tipprovdi rimedju fl-imsemmi Artikolu 469A li m'għandux jiġi mwarrab.

Din il-Qorti mhux qed tgħid li l-Artikolu 469A huwa l-uniku liġi li jipprovdi rimedju kontra aġir tal-gvern, iżda l-azzjoni preżenti, kif formulata, taqa' fil-parametri ta' dak l-artikolu. Is-soċjeta' attriċi qed tattakka d-deċiżjoni li ħa l-gvern li jittratta biss mas-soċjeta' konvenuta u l-mod ta' kif ittieħdet dik id-deċiżjoni, u dan qed tagħmlu a bażi ta' kawżali li jaqgħu, uħud minnhom kważi verbatim, f'dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu (ara, bħala rifless fuq dan, is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Settembru 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Massa vs Id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali et**).

[...]

Din il-Qorti tista' tifhem illi meta tinħareġ sejħa għall-interess ta' xi proġett, u tintefa' applikazzjoni minn min hu interessat, tinħoloq relazzjoni pre-kuntrattwali bejn il-partijiet, li torbot liż-żewġ naħat lejn kondotta tajba, pero' dan ma jfissirx illi kull deċiżjoni li eventwalment tingħata da parti tal-gvern tkun tista' twassal għall-azzjoni bażata fuq ksur ta' din ir-relazzjoni. Kieku jkun hekk, wieħed ikun jista' jasal biex jgħid li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 ikun superfluwu. L-azzjoni ppreżentata mis-soċjeta' attriċi, huwa ċar, hija intiża sabiex tistħarreġ ġudizzjarjament deċiżjoni amministrattiva, u l-ilmenti jaqgħu fil-konsiderazzjoni tal-Artikolu 469A, u l-azzjoni trid issegwi d-dettami ta' dak l-artikolu. L-aġir tal-gvern, jekk jitqies abbużiv, jista' jingħad li jwassal għall-ksur tal-'kuntratt' li inħoloq

bejnu u bejn l-offerent fis-sens li l-gvern ikun obbliga ruħu li jaġixxi b'ġustizzja u trasparenza. Dan l-aġir hu sindakabbli u soġġett għal stħarriġ skont kif tipprovdi l-liġi. Jekk in-natura tal-ilmenti jaqgħu f' dak provdut fl-Artikolu 469A, dak li jkun ma jistax jiskoġita rimedju ieħor biex jaħrab mir-restrizzjoni ta' żmien li jipprovdi l-imsemmi artikolu."

Sentenza aktar riċenti li hija *res judicata* hija dik fl-ismijiet **Casapinta Design Group Ltd vs. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et** (Rik Ġur Nru 939/2015 JPG) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Frar 2018. Wara li għamlet referenza għas-sentenza suċitata fl-ismijiet Ragonesi & Co Ltd pro et noe vs. Korporazzjoni Enemalta et għaddiet biex ikkonkludiet li "Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u tqis ghalhekk illi s-socjeta rikorrenti intavolat din il-kawza b'mod inkorrett, peress illi l-agir ilmentat minnha huwa ta' natura amministrattiva u ghalhekk m'huwiex regolat bil-ligi ordinarja tad-danni, izda proprju bl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta".[52]

Finalment is-sentenza ewlenija f'dan ir-rigward hija **Roberto Zamboni et vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** (Ċit Nru 928/1996) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2002 fejn ġie spjegat li

> "[...] anke wkoll jekk wiehed jirraguna li l-appellanti kienu qed jaghmlu azzjoni taht l-artikoli tal-Kodici Civili 1031 u 1033, bid-dhul fis-sehh ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet qed tiddahhal ligi specjali li tidderoga mil-ligi generali li tirregola t-tort u l-kwazi-torti. *Li kieku l-kaz in ezami kellu x'jaqsam ma', per ezempju, incident awtomobilistiku wiehed kien jifhem li l-azzjoni tkun ibbazata fuq il-Kodici Civili kif dejjem sar u kif ghadu* ***u ghandu*** *jsir sa llum.* Izda fil-kaz odjern hemm car u tond att amministrattiv ibbazat fuq ligi li rreferew ghaliha l-appellanti fil-kawzali taghhom stess."

[52] Ara wkoll **Costruzioni Dondi S.p.a. vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** (Ċit Nru 838/2009 JA) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Novembru 2018, pendenti appell.

Fuq l-istess linja ta' ħsieb hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet "**Fairbet Ltd. et. vs. Malta Gaming Authority**" (appellata):-

> "Ġialadarba l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tħallas id-danni lill-atturi, tħares kif tħares lejha l-azzjoni attriċi hija azzjoni sabiex il-Qorti tistħarreġ egħmil amministrattiv minn awtorita' pubblika. Sakemm mhux "provdut mod ieħor bil-liġi" il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisħarreġ l-egħmil amministrattiv dejjem fil-parametri tal-artikolu 469A. Mhux konsentit illi min jadixxi lill-Qorti bil-mezzi ordinarji sabiex jattakka deċiżżjoni amministrattiva jagħzel illi jevita l-Artikolu 469A u minflok isejjaħ il-kawża minnu istitwita bħala azzjoni *ex delicto vel quasi*."

B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza kopjuża hawn ċitata u fid-dawl tat-talba prinċipali tar-rikorrenti[53] imsejsa fuq l-allegazzjoni li l-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti magħmul minn awtorita' pubblika u l-allegazzjoni li l-mod ta' kif il-kuntratt ingħata mill-istess awtorita' pubblika lil terzi u mhux lill-attriċi huwa wieħed irregolari., din il-Qorti hija tal-fehma li tali azzjoni attriċi għandha tiġi meqjusa bħala azzjoni ai termini tal-Artikolu 469A. Huwa irrilevanti li r-rikorrenti ssostni li l-azzjoni hija imposta bħala waħda għad-danni ai termini tal-liġi ordinarja.

**L-Eċċezzjoni illi l-Azzjoni Attriċi Hija Perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12**

Stabbilit li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, jonqos li jiġi eżaminat (ai termini tal-Artikolu 469A (3)) jekk l-azzjoni saritx fi żmien sitt xhur minn meta r-rikorrenti kellha interess issir taf, jew setgħet issir taf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.

[53] "1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom naqsu fil-qaghdi ta' dmirijiethom, naqsu li jagixxu in bona fede, u ghamlu atti ta' kommissjoni jew omissjoni b'kulpa u/jew dolo"

Hija stabbli fil-ġurisprudenza nostrana li tali terminu huwa wieħed perentorju li la jista' jiġi miksur u lanqas sospiż. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza su-ċitata fl-ismijiet **Roberto Zamboni et vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** irritjena li "***huwa subartikolu perentorju u li lanqas biss jista' jigi nterrott permezz ta' att gudizzjarju jew b'kull mod iehor ikkontemplat fil-Kodici Civili fit-Titolu dwar il-Preskrizzjoni.***"[54]

Mid-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti kif ukoll kif ikkonfermat mir-rikorrenti stess waqt il-kontro-eżami, hija ġiet informata bid-deċiżjoni tal-Kumitat t'Evalwazzjoni li hija ġiet eliminata fis-6 ta' Mejju 2015 u r-raġuni għal din l-eliminazzjoni ingħatat fis-7 ta' Mejju 2015. Din il-Qorti tqis li r-rikorrenti saret taf bl-għemil amministrattiv fis-6 ta' Mejju 2015 għaldaqstant hija kellha tressaq l-azzjoni tagħha sas-6 ta' Novembru 2015. Ir-rikors promotur ġie ppreżentat fl-20 ta' Novembru 2015. Jirriżulta għalhekk illi l-azzjoni attriċi ġiet intavolata aktar minn sitt xhur minn meta r-rikorrenti ġiet a konoxxenza tad-deċiżjoni tal-Kumitat t'Evalwazzjoni. Anke jekk għal grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha tieħu s-7 ta' Mejju 2015 bħala d-data li r-rikorrenti saret taf bid-deċiżjoni tal-imsemmi Kumitat hija kellha tintavola l-azzjoni tagħha sas-7 ta' Novembru 2015 li inzerta is-Sibt allura bis-saħħa tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 12 it-terminu għall-preżentata tal-kawża kien jagħlaq it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015, fejn xorta jibqa' l-fatt li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata tardivament.

Għaldaqstant il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti timmerita li tiġi milqugħa wkoll b'dan illi l-Qorti qed tiddeċiedi li l-azzjoni attriċi hija perenta.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[54] Enfasi tal-Qorti tal-Appell.

1. Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara illi l-konvenuti Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal ma humiex il-leġittimi kontradittur fil-kawża odjerna u għalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti u tqis li l-azzjoni odjerna hija ta’ stħarriġ amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

3. Tilqa’ l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

B'applikazzjoni tal-artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**